**MINUTI LAQGĦA NUMRU 14**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 28 ta' April, 2025.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 28 ta' April, 2025, fil-4:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Manolita Manicaro – Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

14.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 14.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

14.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 13 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ġew approvati unanimament wara li saru xi korrezzjonijiet.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

14.3.1 Is-Sindku informa lir-residenti u rappreżentat tal-kuntrattur li kienu preżenti fil-laqgħa illi huma osservaturi sakemm jingħataw il-kelma.

14.3.2 Is-Sindku informa lil Kunsill illi wara ħafna xogħol, infetħu għall-pubbliku il-latrini, li huma aktar moderni, li jinsabu fi Triq 28 t'April. Taħt il-latrina, hemm ukoll kamra li qed tintuża bħala store room, fejn inżamm il-madum iż-żejjed.

14.3.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-magni tal-BCRS li kienu proposti biex isiru fi Triq il-Wileg. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta' bi tliet voti kontra tnejn, peress illi il-Kunsillieri Karl u Valerie ma qablux mal-post propost.

14.3.4 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-proġett għal aktar saħħa tad-dawl fi Triq 28 t'April. Dan ser jaffettwa fil-pożittiv il-provvista u saħħa tad-dawl lir-residenti tal-Qala peress illi it-transformer li kien hemm kellu aktar minn ħamsin sena. Dan il-proġett seħħ bil-finanzjament tal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar.

14.4.5 Is-Sindku informa ukoll lil Kunsill rigward ir-rapport tal-Professur rigward il-farm tat-tonn. Saret telefonata waqt il-laqgħa sabiex jagħti aktar dettalji dwar ir-rapport.

14.4.6 Is-Sindku flimkien mal-Kunsill taw l-awguri tagħhom lit-team tal-futbol li rebħu il-kampjonat.

14.4.7 Is-Sindku informa lil Kunsill rigward il-ħarġiet varji li ġew organizzati. Huwa informahom ukoll rigward il-ħarġa ta' Jum l-Omm kif ukoll dwar il-pellegrinaġġ fl-Isla peress li ser jiġi iċċelebrat il-25 sena anniversarju mill-miġja tar-redentur fil-Qala. Attivita' oħra li ġiet diskussa hi tal-Lejla Għawdxija peress li ġew approvati il-fondi ta'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ħmista il-elf Euro għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel mal-ħarġa tal-Isla bil-prezz ta' 4Euro u bil-kollaborazzjoni mal-parroċċa.

14.4.8 Is-Sindku informa ukoll lil Kunsill illi qed isir ix-xogħol mill-iskrivani fuq kalendarju ta' attivitajiet li isiru matul is-sena mill-Kunsill.

14.4.9 Is-Sindku irringrazzja lis-Sinjura E tal-interess kbir li turi biex tgħolli l-livell tal-librerija tal-lokalita' billi torganizza ta' spiss attivitajiet biex tiġbed aktar tfal u adulti lejn il-librerija. Hi taħdem qrib il-Kunsill kif ukoll l-iskola primarja.

14.4.10 Is-Sindku informa lil Kunsill illi l-arblu li hemm fi Triq Grunju spiċċa fin-nofs tat-triq wara ix-xogħolijiet, imma qed ikun ta' periklu lis-sewwieqa.

14.4.11 Il-Kunsill ġie infurmat rigward it-tender tal-upgrade tar-roundabouts madwar il-Qala li ma wera ħadd interess fih.

14.4.12 Il-Kunsill ġie infurmat dwar id-dettalji tal-istimi rigward il-lezzjonijet tal-computers. Il-Kunsill qabel mal-istima li hi l-orħos u għandu isir numru minimu ta' parteċipanti biex isir il-kors.

14.4.13 Is-Sindku informa lil Kunsill illi għall-iskema SPI/SCI/03/2025, Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa, ser issir inizjattiva fi Gnien il-Familja u permezz ta' din l-applikazzjoni ser jinxtraw grass cutter, blower u hedge cutter. Il-Kunsill qabel illi l-attivita' qed tiġi suġġerita illi issir nhar l-20 ta' Settembru 2025.

## 14.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

14.4.1 Talba mingħand is-Sindku sabiex issir il-ħarġa lejn l-Isla, wara l-istedina tal-Arċipriet tal-lokalita' bil-prezz ta' 4 Ewro. Il-Kunsill qabel.

14.4.2 L-Ex Arċipriet tal-Qala ser jippublika ktieb ta' tifkira u qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Wara telefonata mal-istess Ex-Arċipriet, il-Kunsill qabel.

14.4.3 Sar suġġeriment mis-Sindku sabiex issir ħarġa edukattiva lit-tfal, fejn iżuru razzett fil-Qala biex jaraw kif isiru il-ġbejniet, jitimgħu l-annimali, animal petting u jirkbu fuq xi pony. Il-prezz ġie issuġġerit illi ikun ta' 15 Euro sew għat-tfal u għal-ġenituri, illi jinkorpora l-ikel u il-ħarġa. Il-Kunsill qabel iħallas 5 Euro għall-kull persuna u b'hekk il-prezz imħallas mir-residenti ikun ta' 10 Euro. Il-Kunsilliera Valerie talbet illi tkun involuta aktar f'din l-attivita' peress li huwa id-dekasteru tagħha.

14.4.4 Is-Sindku informa lil Kunsill illi hu u il-Viċi Sindku iltaqgħu mal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar sabiex jitbiddel il-format tal-QIFF u issir attivita' fit-12 ta' Settembru fi Ġnien il-Familja u l-għada fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel illi japplikaw għall-fondi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsillier Karl ġibed l-attenzjoni illi jixtieq aktar informazzjoni biex ikun jista' jiddeċiedi jaqbilx jew le mas-suġġeriment, pero' ma jaqbilx mal-fatt illi jinbidel mil-Folk Festival.

14.4.5 Is-Sindku issuġġerixxa illi jiġi ordnat backing tal-frame li ser jitpoġġa fih il-mozajk tal-Merħba Qala fi Ġnien il-Familja. Issuġġerixxa ukoll illi isir dwal LED fuqha. Il-Kunsill qabel li isir dan ix-xogħol.

14.4.6 Is-Sindku issuġġerixxa illi jinħatar il-Perit tal-Kunsill sabiex isir il-BOQ tas-soakaway ta' quddiem il-gate tal-ITS u għall-ġibjun. Wara li isir il-BOQ il-kunsill jipprova japplika għall-fondi tal-UIF jew tal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar. Il-Kunsillier Karl ikkummenta illi aħjar kieku issir stima ta' l-ispiża tal-BOQ qabel ma jiġi ordnat.

14.4.7 Is-Sindku issuġġerixxi illi jerġa' isir il-kors tas-safety awareness lil ħaddiema nhar il-24 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel.

14.4.8 Is-Sindku issuġġerixxa illi it-tapiti fi Ġnien il-Familja isiru fiż-żona taħt iż-żurżieqa u il-bandli. Il-Kunsill qabel.

14.4.9 Is-Sindku issuġġerixxa illi jekk ma tinstabx cleaner li trid titrasferixxi minn xi lokalita' oħra, tiġi ingaġġata cleaner għall-Kunsill peress illi bħalissa qiegħdin mingħajr cleaner. Il-Kunsill qabel li tiġi ingaġġata fuq bażi ta' part-time.

14.4.10 Is-Sindku issuġġerixxa illi jinbidlu il-fanali fi Pjazza Repubblika. Il-Kunsill irid jiddiskuti dan il-punt aktar fid-dettal fl-laqgħa oħra. Il-Kunsilliera Karl u Valeria jixtiequ illi il-bankini jiġu irranġati. Is-Sindku informa illi dan ix-xogħol huwa imwiegħed mill-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar. Is-Sindku informa ukoll illi hu kien diga' tkellem mal-Engineer tal-Enemalta dwar dan.

14.4.11 Is-Sindku issuġġerixxa illi jitqabbad kuntrattur privat sabiex isir ix-xogħol tat-tkaħħil taċ-ċint u tal-bankijiet ta' fejn il-bust tas-Surmast Buttigieg. Il-Kunsill qabel.

14.4.12 Il-Viċi Sindku issuġġerixxi illi isir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Barbaġan. Il-Kunsill qabel.

14.4.13 Il-Viċi Sindku talab illi l-arblu tad-dawl li jinstab fi Triq Imgarr ma Triq Patri Gużepp Portelli peress illi huwa ta' periklu. Il-Kunsill qabel.

14.4.14 Il-Viċi Sindku għamel talba sabiex isiru double yellow lines mal-kantuniera ta' Triq 28 t'April, faċċata tal-iskola. Il-Kunsill qabel max-xogħol u issuġerixxew illi issir talba ma Transport Malta f'isem il-Kunsill.

14.4.15 Il-Kunsillier Rene talab sabiex isiru refreshing paint għas-sinjali tat-traffiku mar-roundabout ta' Triq Patri Ġuzepp Portelli.

14.4.16 Talba mingħand il-Kunsillier Rene sabiex issir it-tiġrija taż-żwiemel fil-ġimgħa ta' qabel il-festa. Huwa informa lil Kunsill illi l-organizzazzjoni kollha issir minn organizzatur



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ta' dawn l-affarijiet. Huwa qal ukoll illi il-Kunsill jista' japplika għall-fondi mal-Ministeru għal-Għawdex u l-Ippjanar. Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera peress illi hija attivita' ta' ċertu portata u riskju. Ġie deċiż illi issir laqgħa bejn il-Kunsill, l-organizzatur u il-Kummissjoni tal-Festa sabiex tiġi diskussa aktar fid-dettal.

14.4.17 Il-Kunsillier Karl issuġġerixxa illi issir diskussjoni mal-kummissjoni tal-festa sabiex jiddiskutu il-programm tal-festa u ix-xogħolijiet li hemm bżonn isiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

14.4.18 Il-Kunsillier Karl fakkar fil-problema tax-xogħolijiet fi Triq il-Wardija sabiex ma jsirux fil-ġranet tal-festa. Il-Kunsill qabel li ikomplu isegwu u jfakkru lil kuntrattur fuq dan il-punt.

14.4.19 Il-Kunsillier Karl informa lil Kunsill rigward email mingħand l-għaqda tan-nar biex il-Kunsill japplika għall-fondi. Il-Kunsill qabel illi issir l-applikazzjoni bħal tas-sena l-oħra.

14.4.20 Il-Kunsillier Karl talab illi il-bollard fir-roundabout ta' Triq Patri Portelli sabiex jitranġaw b'robots aħjar.

14.4.21 Il-Kunsillier Karl talab biex issir tabella bi vleġġa fi Triq Patri Portelli. Il-Kunsill qabel.

14.4.22 Il-Kunsillier Karl talab sabiex issir tabella fi Triq 28 t'April li turi bil-preżenza ta' zebra crossing. Il-Kunsill qabel.

14.4.23 Il-Kunsilliera Valerie fakret sabiex issir mera fi Triq ir-Rebha, skond minuti preċedenti.

14.4.24 Il-Kunsilliera Valerie talbet sabiex jitranġaw il-bollards li jintużaw biex tingħalaq il-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

14.4.25 Il-Kunsilliera Valerie issuġġeriet illi titranġa il-bozza fiż-żona ta' Kassja. Il-Kunsill qabel illi jinxtraw 2 bozoz ħalli tinżamm waħda żejda.

14.4.26 Il-Kunsilliera Valerie talbet illi isiru il-poles bis-signs li qegħdin diġà il-Kunsill. Is-Sindku infurmaha illi ma sarux peress illi hemm ċans li jinstabu xi cables taħt il-post tax-xogħolijiet. Ġie issuġġerit illi ir-resident jissuġġerixxi post aħjar sabiex jitwaħlu.

14.4.27 Il-Kunsilliera Valerie ipproponiet illi issir festa żgħira tal-annimali u jinġabar ikel lil SPCA u jiġu involuti it-tfal. Per eżempju xi kompetizzjoni tal-pittura tal-pets tagħhom. Tlett kotba għandhom jinxtraw biex jingħataw bħala premijiet lil min jiklassifika fl-ewwel tlett postijiet. Ġie issuġerit illi l-attivita' issir f'xi weekend f'Mejju. Il-Kunsill qabel.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 14.5 Proġetti u xogħolijiet

14.5.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa.

14.5.2 Is-Sindku tah il-kelma lir-residenti taż-żona ta' Kassja, peress li hemm ħruġ ta' ilma u problema fil-komunikazzjonijiet tal-katusi tad-drenaġġ. Tkellem ukoll dwar problema oħra li qed tinħoloq minn dan l-iżvilupp kull meta tagħmel ix-xita peress illi saret katusa minn taħt il-flattijiet u tferra l-ilma għall Triq it-30 t' Ottubru. Dan huwa l-ilma tax-xita li qabel kien joskula għall-ġor raba aktar il-fuq . Dan qed jiġi minn żewġ partijiet ta' Triq il-Wardija, Triq il-Ħotba u Triq il-Barbaġann. Dwar din it-triq il-ġdida, is-Sindku informa lil dawk preżenti illi diġa' tkellem mal-Ministeru għall-Għawdex u l-Ippjanar u jidher li hemm interess li tinkesa bit-tarmac.

Saret diskussjoni imqanqla bejn il-kunsilliera, ir-residenti u ir-rappreżentant tal-kuntrattur. Il-kunsilliera Valerie u Karl tennew illi id-deċiżjoni tal-waqfien tax-xogħolijiet kellha issir b'deċiżjoni tal-kunsill u mhux tas-Sindku per se. Ir-rappreżentant tal-kuntrattur issuġġerixxa illi il-kunsill jagħmel storm water culvert, però is-Sindku insista illi il-Kunsill mhux ha joħroġ flejjes biex isir dan ix-xogħol meta suppost sar mil-kuntrattur, speċjalment biex il-garages ma jintlewx bl-ilmijiet tax-xita u tal-ġwiebi.

Resident issuġġerixxa sabiex l-ilmijiet imorru fl-għelieqi u mhux fit-toroq jew inkella isir ġibjun fiż-żona ta' Ħondoq biex jinżammu l-ilmijiet. Il-Kunsill infurmah illi dik l-art hija privata.

Il-Kunsill qabel u iddeċieda illi issir talba lil Ministeru għall-Għawdex u l-Ipjanar sabiex tissolva din il-problema u isir ix-xogħol mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-ilma għandu jispiċċa fil-wied.

14.5.3 Residenta oħra xtaqet tiddiskuti mal-Kunsill rigward il-problema tal-qatran mal-faċċata tad-dar tagħha. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattjaw lil Perit tal-Kunsill sabiex jara din il-problema.

## 14.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti

14.6.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa.

## 14.7 Materji Amministrattivi

14.7.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 14.8 Korrispondienza u Ilmenti

14.8.1 Talba li saret waqt telefonata, mingħand Mons. Carmelo Refalo sabiex jingħata flus għall-pubblikazzjoni tal-ktejjeb. Huwa possibbli illi jingħata ktieb b'xejn lir-residenti tal-Qala. Il-Kunsill qabel mas-somma ta' €2000, skond l-Artiklu 63A fl-Att 363.

14.8.2 Talba sabiex isir il-kors tal-Mozajk. Il-Kunsill qabel.

14.8.3 Talba sabiex jintlew il-ħofor quddiem il-garage fi Triq Wied is-Simar. Il-Kunsill qabel.

14.8.4 Talba sabiex issir communal disability parking bay fi Triq Zewwieqa quddiem restaurant. Il-Kunsill qabel.

14.8.5 Talba sabiex isir lakstu mat-tappieri fit-Triq Imgarr. Il-Kunsill qabel.

14.8.6 Talba sabiex issir bankina fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill qabel.

14.8.7 Talba sabiex isir railing mar-rampa tal-latrina fi Triq 28 t'April. Il-Kunsill qabel illi jiġi ikkonsultat il-Perit tal-Kunsill fuq il-mod u il-materjal li jista' jintuża.

14.8.8 Talba sabiex isiru Double Yellow Lines fi Triq Papa Piju IX. Il-Kunsill qabel.

14.8.9 Email mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex isaqsi il-Kunsill jekk huwiex interessat sabies jorganizza korsijiet dwar is-sahha mentali. Il-Kunsill qabel.

14.8.10 Email mingħand il-Gozo College Qala Primary sabiex jistaqsu rigward hemm interess sabiex jiġġedded il-ftehim ġdid ta' store room fil-ġnien tal-iskola. Il-Kunsill qabel.

14.8.11 Cir AKL 2025/024 Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-identita'. Il-Kunsill qabel.

14.8.12 Cir AKL 2025/018 Inizjattiva you Matter – Assistenza jew terapija lil ħaddiema jew membri eletti. Il-Kunsill qabel.

14.8.13 Kumpanija bgħatet avviż sabiex ninfurmawha f'każ ta' bżonn ta' kwotazzjonijiet rigward ġbir ta' skart. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

14.8.14 Email mingħand ir-Reġjun Għawdex sabiex ifakkar il-kunsilli sabiex jagħmlu il-claims pendent lil LESA. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.15 Email mingħand id-Divijoni tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lil Kunsill rigward telethon ta' Malta Trust Foundation. Il-Kunsill innota din il-komunikazzjoni.

14.8.16 Email mingħand Ewropa Kreattiva sabiex tinforma lil Kunsill rigward Partner Searches għall-European Cooperation call. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.17 Email mingħand il-Maltese Honey Bee Foundation sabiex il-Kunsilli isemmu toroq jew gonna bl-isem "In-Nahla Maltija" jew "L-Insett Nazzjonali". Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

14.8.18 Email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward il-Green Public Leadership Award for Public Entities nominations. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.19 Email mingħand Eco stack innovations sabiex jinforma lil Kunsill rigward idea ta' proġett minħabba il-temperaturi għolja li qed naffaċċjaw, bħal per eżempju jitħawlu aktar siġar fil-ġnub tat-toroq. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.20 Email mingħand Gozo Association for the Deaf sabiex jinfurmaw lil Kunsill rigward serje ta' sezzjonijiet ta' informazzjoni. Il-Kunsill wera l-interess f'din l-attivita' pero' jixtieq aktar informazzjoni.

14.8.21 Email mingħand il-Planning Authority sabiex tinforma lil Kunsill rigward żewġ public consultation processes. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

14.8.22 Żewġ Rapporti minn Transport Malta rigward Personalised Reserved Parking. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.23 Rapport mingħand Transport Malta rigward 1.5mtr Keep Clear Bay. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.24 Email mingħand il-Malta Council for Voluntary Sector rigward public consultation. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

14.8.25 Email mingħand il-Malta community chest fund bħala stedina għal-Festa tal-Festi bejn 14 u 16 Mejju. Attivita' għall-istudenti u anzjani li tiswa €10 f'Palazz Verdala. Il-Kunsil innota din il-korrispondenza, pero' mhux interessat jipparteċipa.

## 14.10 Materji oħra

14.10.1 Ġiet mgħoddija l-iskeda tal-pagamenti numru *03/2025*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 14.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-7:15pm. Peress li hemm is-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv, id-data tal-laqgħa tħalliet pendenti. Dawn il-Minuti ġew ippreparati mid-Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv Manolita Manicaro.

IFFIRMATI

Paul Buttigieg
Sindku

IFFIRMATI

Manolita Manicaro
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt